DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 50/2011

tal-20 ta' Mejju 2011

li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) u l-Protokoll 47 (dwar it-tneħħija tal-ostakoli tekniċi għall-kummerċ tal-inbid) li hemm mal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness II tal-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 30/2011 tal-1 ta' April 2011 ([1]).

(2) Il-Protokoll 47 tal-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 132/2007 tas-26 ta' Ottubru 2007 ([2]).

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 1331/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi proċedura ta' awtorizzazzjoni komuni għall-additivi tal-ikel, l-enżimi tal-ikel u l-aromatizzanti tal-ikel ([3]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(4) Ir-Regolament (KE) Nru 1332/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-enżimi tal-ikel u li jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 83/417/KEE, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999, id-Direttiva 2000/13/KE, id-Direttiva tal-Kunsill 2001/112/KE u r-Regolament (KE) Nru 258/97 ([4]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(5) Ir-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-addittivi tal-ikel ([5]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(6) Ir-Regolament (KE) Nru 1334/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar aromatizzanti u ċerti ingredjenti tal-ikel bi proprjetajiet aromatizzanti għall-użu fl-ikel u fuq l-ikel u li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 1601/91, ir-Regolamenti (KE) Nru 2232/96 u (KE) Nru 110/2008 u d-Direttiva 2000/13/KE ([6]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(7) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 238/2010 tat-22 ta' Marzu 2010 li jemenda l-Anness V għar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżit għall-ittikettjar tax-xarbiet li fihom volum ta' aktar minn 1,2 % ta' alkoħol u li fihom ċerti koloranti tal-ikel ([7]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(8) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 257/2010 tal-25 ta' Marzu 2010 li jistabbilixxi programm għar-rivalutazzjoni tal-addittivi tal-ikel approvati skont ir-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-addittivi tal-ikel ([8]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(9) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2010/67/KE tal-20 ta' Ottubru 2010 li temenda d-Direttiva 2008/84/KE li tispeċifika l-kriterji tal-purità rigward l-addittivi tal-ike apparti mill-kuluri u s-sustanzi li jagħtu l-ħlewwa ([9]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(10) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2010/69/UE tat-22 ta' Ottubru 2010 li temenda l-Annessi tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 95/2/KE dwar addittivi tal-ikel għajr kuluri u ħlewwiet ([10]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(11) Ir-Regolament (KE) Nru 1333/2008 jirrevoka d-Direttivi tal-Kunsill 62/2645/KEE ([11]) u 78/663/KEE ([12]), id-Direttiva tal-Kummissjoni 81/712/KEE ([13]), id-Direttiva tal-Kunsill 89/107/KEE ([14]) u d-Deċiżjoni Nru 292/97/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([15]) li huma inkorporati fil-Ftehim u għandhom għalhekk jiġu rrevokati skont il-Ftehim.

([1]) ĠU L 171, 30.6.2011, p. 30.
([2]) ĠU L 100, 10.4.2008, p. 1.
([3]) ĠU L 354, 31.12.2008, p. 1.
([4]) ĠU L 354, 31.12.2008, p. 7.
([5]) ĠU L 354, 31.12.2008, p. 16.
([6]) ĠU L 354, 31.12.2008, p. 34.
([7]) ĠU L 75, 23.3.2010, p. 17.
([8]) ĠU L 80, 26.3.2010, p. 19.
([9]) ĠU L 277, 21.10.2010, p. 17.
([10]) ĠU L 279, 23.10.2010, p. 22.
([11]) ĠU 115, 11.11.1962, p. 2645/62.
([12]) ĠU L 223, 14.8.1978, p. 7.
([13]) ĠU L 257, 10.9.1981, p. 1.
([14]) ĠU L 40, 11.2.1989, p. 27.
([15]) ĠU L 48, 19.2.1997, p. 13.

(12) Ir-Regoalment (KE) Nru 1334/2008 jirrevoka d-Direttiva tal-Kunsill 88/388/KEE [1], id-Direttiva tal-Kummissjoni 91/71/KEE [2] u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 88/389/KEE [3] li huma inkorporati fil-Ftehim u għandhom għalhekk jiġu rrevokati skont il-Ftehim.

(13) Din id-Deċiżjoni ma għandhiex tapplika għal-Liechtenstein,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Kapitolu XII tal-Anness II tal-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

1. It-test fil-punti 1 (Direttiva tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 1962), 16 (Direttiva tal-Kunsill 78/663/KEE), 29 (Direttiva tal-Kummissjoni 81/712/KEE), 44 (Direttiva tal-Kunsill 88/388/KEE), 45 (Deċiżjoni tal-Kunsill 88/389/KEE), 46 (Direttiva tal-Kunsill 89/107/KEE) u 54u (Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 292/97/KE) għandu jisthassar.

2. L-inċiżi li ġejjin għandhom jiżdiedu fil-punt 18 (Direttiva 2000/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

"— **32008 R 1332**: Regolament (KE) Nru 1332/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 (ĠU L 354, 31.12.2008, p. 7).

— **32008 R 1334**: Regolament (KE) Nru 1334/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 (ĠU L 354, 31.12.2008, p. 34)."

3. L-inċiż li ġej għandu jiżdied mal-punt 32 (Direttiva tal-Kunsill 83/417/KEE):

"— **32008 R 1332**: Regolament (KE) Nru 1332/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 (ĠU L 354, 31.12.2008. p. 7)."

4. Dan li ġej għandu jiżdied mal-punt 54q (Regolament (KE) Nru 2232/96 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

", kif emendat permezz ta':

— **32008 R 1334**: Regolament (KE) Nru 1334/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 (ĠU L 354, 31.12.2008. p. 34)."

5. L-inċiż li ġej għandu jiżdied mal-punt 54zb (il-Parlament Ewropew u d-Direttiva tal-Kunsill Nru 95/2/KE):

"— **32010 L 0069**: Direttiva tal-Kummissjoni 2010/69/UE tat-22 ta' Ottubru 2010 (ĠU L 279, 23.10.2010, p. 22)."

6. L-inċiż li ġej għandu jiżdied fil-punt 54zq (Direttiva tal-Kunsill 2001/112/KE):

"— **32008 R 1332**: Regolament (KE) Nru 1332/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 16 ta' Diċembru 2008 (ĠU L 354, 31.12.2008. p. 7)."

7. L-inċiż li ġej għandu jiżdied mal-punt 54zzzzg (Direttiva tal-Kummissjoni 2008/84/KE):

"— **32010 L 0067**: Direttiva tal-Kummissjoni 2010/67/UE tal-20 ta' Ottubru 2010 (ĠU L 277, 21.10.2010, p. 17)."

8. Dan li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 54zzzzo (Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 669/2009):

"54zzzzp. **32008 R 1331**: Regolament (KE) Nru 1331/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi proċedura ta' awtorizzazzjoni komuni għall-addittivi tal-ikel, l-enżimi tal-ikel u l-aromatizzanti tal-ikel (ĠU L 354, 31.12.2008, p. 1),

54zzzzq. **32008 R 1332**: Regolament (KE) Nru 1332/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-enżimi tal-ikel u li jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 83/417/KEE, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999, id-Direttiva 2000/13/KE, id-Direttiva tal-Kunsill 2001/112/KE u r-Regolament (KE) Nru 258/97 (ĠU L 354, 31.12.2008, p. 7),

54zzzzr. **32008 R 1333**: Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-additivi tal-ikel (ĠU L 354, 31.12.2008, p. 16), kif emendat bi:

— **32010 R 0238**: Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 238/2010 tat-22 ta' Marzu 2010 (ĠU L 75, 23.3.2010, p. 17).

[1] ĠU L 184, 15.7.1988, p. 61.
[2] ĠU L 42, 15.2.1991, p. 25.
[3] ĠU L 184, 15.7.1988, p. 67.

Għall-finijiet tal-Ftehim, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

Dan li ġej għandu jiżdied mal-Anness IV:

Norveġja	'Ġulepp' u 'Saft' tal-frott tradizzjonali Norveġiż	Kuluri (għajr il-betakaroten fis-'Saft' mill-frott taċ-ċitru)
Norveġja	'Kjøttboller/Kjøttkaker/Kjøttpudding' tradizzjonali Norveġiż	Preservattivi (għajr in-nitrit tas-sodju) u kuluri
Norveġja	'Leverpostei' tradizzjonali Norveġiż	Preservattivi (għajr in-nitrit tas-sodju) u kuluri

54zzzzs. **32008 R 1334**: Regolament (KE) Nru 1334/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar aromatizzanti u ċerti ingredjenti tal-ikel bi proprjetajiet aromatizzanti għall-użu fl-ikel u fuq l-ikel u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1601/91, ir-Regolamenti (KE) Nru 2232/96 u (KE) Nru 110/2008 u d-Direttiva 2000/13/KE (ĠU L 354, 31.12.2008, p. 34),

54zzzzt. **32010 R 0257**: Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 257/2010 tal-25 ta' Marzu 2010 li jistabbilixxi programm għar-rivalutazzjoni tal-addittivi tal-ikel approvati skont ir-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-addittivi tal-ikel (ĠU L 80, 26.3.2010, p. 19)."

Artikolu 2

L-inċiż li ġej għandu jinżied fil-punt 3 (Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1601/91) tal-Kapitolu XXVII tal-Anness II mal-Ftehim:

"— **32008 R 1334**: Regolament (KE) Nru 1334/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 (ĠU L 354, 31.12.2008. p. 34)."

Artikolu 3

L-inċiż li ġej għandu jiżdied fil-punt 2 (Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999) fl-Appendiċi I tal-Protokoll 47 għall-Ftehim:

"— **32008 R 1332**: Regolament (KE) Nru 1332/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 (ĠU L 354, 31.12.2008. p. 7)."

Artikolu 4

It-testi tar-Regolamenti (KE) Nru 1331/2008, (KE) Nru 1332/2008, (KE) Nru 1333/2008, (KE) Nru 1334/2008, (UE) Nru 238/2010 u (UE) Nru 257/2010 u d-Direttivi 2010/67/UE u 2010/69/UE fl-ilsien Islandiż u dak Norveġiż, li jridu jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ma' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-21 ta' Mejju 2011, sakemm in-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 6

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Mejju 2011.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

L-Aġent President

Gianluca GRIPPA

(*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.